MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 1187/1999/1

**Henry Moran**

**vs**

**N. Ciantar and Sons Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi huwa kien impjegat mas-socjeta` konvenuta b`kuntratt ta` impjieg ghal zmien definit ta` hames snin li bdew fil-25 ta` Settmebru 1995 (Dok A) u li s-socjeta` konvenuta

itternimat unilateralment fid-9 ta` April 1999 (ara Dok B u Dok C).

Illi s-socjeta` konvenuta ma tridx thallas lill-attur nofs il-paga ghaz-zmien rimanenti ta` l-imsemmi kuntratt kif ukoll ma tridx thallas ghall-granet ta` leave imhallas li l-attur huwa intitolat ghalihom saz-zmien ta` l-impjieg.

Ghalhekk l-attur talab li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti:

tiddikjara li l-attur huwa intitolat li jithallas minnghand is-socjeta` konvenuta nofs il-paga ghal zmien bejn id-9 ta` April 1999 u d-data tat-tmien tal-perjodu ta` hames snin tal-kuntratt ta` l-impjieg tieghu, kif ukoll ghall-granet ta` leave bi hlas lil-attur kien intitolat gahlihom sad-9 ta` April 1999,.

tillikwida z-zewg ammonti ta` nofs il-paga u tal-hlas tal-leave fuq specifikati, u

tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammonti hekk likwidati, bl-imghax legali mid-9 ta` April 1999 sal-gurnata tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra legali ta` l-14 ta` April 1999 u ta` l-ittra ufficjali tat-30 ta` April 1999 u ta` l-ittra legali tal-4 ta` Mejju 1999 u dik tas-6 ta` Mejju 1999, kontra s-socjeta` konvenuta, li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda  tieghu.

Rat in-nota tal-eccezjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit:-

Illi mhux minnu dak premess fic-citazzjoni li s-socjeta` konvenuta itterminat unilateralment l-impjieg ta` l-attur fid-9 ta` April 1999, ghall-kuntrarju l-attur abbanduna l-impjieg tieghu meta ma regax dahal lura ghax-xoghol wara li kien mitlub jiehu l-vaganzi u dwar dan qieghda ssir kontro talba.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat il-kontro talba tas-socjeta konvenuta fejn gie premess:-

Illi l-attur kien marbut mas-socjeta` konvenuta b`kuntratt ta` impjieg ghal zmien definit ta` hames snin mit-18 ta` Settmebru 1995 (ara Dok A anness mac-citazzjoni).

Illi l-attur abbanduna l-impjieg tieghu meta mit-8 ta` Gunju 1999 ma regax dahal ghax-xoghol kif kellu jaghmel (ara Dok “NCS2”).

Illi l-attur qed jippretendi li kienet is-socjeta` konvenuta li keccietu, meta dan ma kienx il-kaz, u ghalhekk qieghed mhux biss jirrifjuta l-pretezjonijiet tas-socjeta` konvenuta, imma qieghed jaghmel kawza kontriha.

Ghalhekk is-socjeta’ konvenuta talbet li l-attur jghid ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex:

tiddikjara li l-attur abbanduna l-impjieg tieghu fit-8 ta` Gunju 1999 u li hu ghalhekk ghandu jhallas lis-socjeta` konvenuta nofs il-paga ghaz-zmien li kien ghad fadal taht il-kuntratt ta` l-impjieg tieghu, u cioe` mit-8 ta Gunju 1999 sa s-27 ta` Settembru 2000.

tillikwida l-ammont hekk dovut mill-attur lis-socjeta` konvenuta.

tikkundanna lill-attur jhallas l-ammont jekk likwidat lis-socjeta` konvenuta.

Bl-imghax legali mit-8 ta` Gunju 1999 u bl-ispejjez kollha relattivi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta ghall-finijiet tal-kontro talba taghha debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro talba tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit illi t-talbiet tas-socjeta konvenuta huma infondati u ghandhom jigu mcihuda bl-ispejjez stante li kienet is-socjeta li itterminat il-kuntratt tal-impjiet tal-esponent.
Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Semghet lill-attur.

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta’ konvenuta.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

Hemm qbil bejn ik-partijiet li l-attur kien impjegat bhala “store-keeper” mas-socjeta` konvenuta b`kuntratt ta` impjieg ghal zmien definit ta` hames snin li bdew fil-25 ta` Settmebru 1995. Fic-citazzjoni tieghu l-attur jippremetti li s-socjeta` konvenuta itterminat l-impieg tieghu unilateralment fid-9 ta` April 1999. L-attur ikompli jippremetti li s-socjeta’ konvenuta qed tirrifjuta li thallsu nofs il-paga ghaz-zmien rimanenti tal-imsemmi kuntratt kif ukoll li thallsu ghall-granet ta` “leave” imhallas li l-attur huwa intitolat ghalihom. L-attur fuq dawn il-premessi qed jitlob li jigi dikjarat li huwa intitolat li jithallas mis-socjeta` konvenuta nofs il-paga ghal zmien bejn id-9 ta’ April 1999 u d-data tat-tmien tal-perjodu ta` hames snin tal-kuntratt tal-impjieg tieghu u li jithallas ghall-granet ta` leave bi hlas li l-attur kien intitolat gahlihom sa meta gie terminat l-imsemmi impieg.tieghu. Qed jitlob ukoll li jigu likwidati l-imsemmija zewg ammonti u li s-socjeta’ konvenuta tigi kundannata thallas l-ammonti hekk likwidati.

Da parti taghha s-socjeta konvenuta qed teccepixxi li mhux minnu  li l-impieg tal-attur gie terminat unilateralment  minnha u fil-fatt kien l-attur stess li

abbanduna l-imsemmi impjieg tieghu. L-istess socjeta' konvenuta ghamlet kontro-talba fejn ippremettiet li l-attur abbanduna l-impieg tieghu maghha meta fit-8 ta` Gunju 1999 huwa ma rritornax ghax-xoghol. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta qed titlob li jigi dikjarat li l-attur abbanduna l-impjieg tieghu fit-8 ta` Gunju 1999 u li konsegwentement huwa ghandu jhallas lis-socjeta` konvenuta nofs il-paga ghaz-zmien li kien ghad fadal taht il-kuntratt ta` l-impjieg. Qed titlob ukoll li jigi likwidat l-ammont hekk dovut mill-attur u li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-ammont hekk likwidat.

Ghal kontro-talba l-attur eccepixxa u rribadixxa li kienet is-socjeta konvenuta li itterminat il-kuntratt tal-impjiet tieghu.

Kif gia rilevat il-partijiet jaqblu li l-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta ghal periodu definit. Jaqblu ukoll li qabel ma ghadda l-istess periodu definit l-imsemmi impieg tal-attur gie b'xi mod terminat. Ma jaqblux pero' kif gie terminat l-istess impieg. L-attur isostni li l-impieg gie terminat unilateralment mis-socjeta' konvenuta, li da parti taghha tallega li kien l-attur li abbanduna l-impieg meta ma marx ghax-xoghol fil-gurnata li fiha kellu jirrapporta ghax-xoghol.

L-attur ikkonferma, meta xehed f'dawn il-proceduri, li direttur tas-socjeta' konvenuta kien infurmah li l-impieg tieghu mal-istess socjeta' konvenuta kien qed jigi terminat peress li ma kienx hemm bzonnu aktar u ma kienx hemm xoghol ghalih. L-attur ikkonferma ukoll li l-istess direttur tas-socjeta' konvenuta fl-ebda hin ma offrielu xoghol alternattiv.

L-istess direttur tas-socjeta' konvenuta xehed li f'certu zmien is-socjeta' konvenuta kienet qed tnaqqas l-impjegati peress li x-xoghol kien naqas. Konsegwentement l-attur gie infurmat li kellu jiehu l-"leave" li kien fadallu u li seta jipprova isib xoghol iehor. Skond l-istess xhud, l-attur gie ukoll infurmat li jekk ma jsibx xoghol iehor is-socjeta' konvenuta kienet prparata li tezamina l-possibilita' jekk l-attur setghax jigi impjegat mal-istess socjeta' konvenuta pero' mhux fl-istores izda

f’xi post iehor. Ix-xhud kompla jikkonferma li wara dan kollu l-attur ma regax dahal ghax-xoghol. L-istess direttur kompla jghid li fil-perjodu meta l-attur kien qed jiehu l-leave, l-istess attur sab xoghol iehor u in effett ditta ohra kienet ikkomunikat mas-socjeta’ konvenuta sabiex jinghataw referenzi dwar l-attur. In sostenn ta’ dan kollu is-socjeta’ konvenuta ppresentat kopji ta’ ittri li nghataw lill-attur. F’wahda minn dawn l-ittri l-attur intalab jirrizenja u fl-istess ittra ma hemmx specifikat li l-attur kien qed jintalab jirrezenja minn store-keeper u mhux mill-impieg tieghu kif allega l-imsemmi direttur tas-socjeta’ konvenuta.

Fl-istess ittra, li ntbghatet mis-socjeta’ konvenuta lill-attur, l-attur ġie mitlub jirriżenja pero’m’hemmx specifikat, kif allega x-xhud prodott mis-socjeta’ konvenuta, li l-attur fi kwalunkwe kaz kien ser jinżamm fl-impjieg mas-socjeta konvenuta f’xi kariga oħra. Dan jindika li l-impjieg, effettivament, kien qiegħed jiġi itterminat mis-soċjetà konvenuta. Inoltre, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-imsemmija verżjoni tas-soċjetà konvenuta li kien gie offert lill-attur li jibqa’ f’xogħol mas-socjeta’ konvenuta. Barra minn hekk is-socjeta’ konvenuta naqset li tipprova suficjentement l-allegazzjoni taghha lil-attur sab xoghol iehor fil-hin li hu kien qed jiehu l-granet tal-“leave” li kien fadallu.

Fl-opinjoni tal-Qorti l-attur irnexxielu jipprova sufficjentement it-talbiet tieghu u għaldaqstant l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti u u l-eċċezzjonijiet tas-socjeta konvenuta jimmeritaw li jigu rigettati. In effett ma jirriżulta ebda abbandun tax-xogħol da part ital-attur kif qed issostni s-soċjetà konvenuta.

Hawnhekk si tratta ta’ impjieg definit ikkuntrattat bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta fuq bażi full time. Fil-ktieb “Modern Employment Law” ta’ Michael Whincup (6th Ed. 1990 pag.117) jinghad li, “a fixed term contract is one stated to last for a given length of time. Il-liġi, cioe l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (KAP. 452.) tistipula fl-artikolu 36(11) li “Prinċipal li jibgħat ’l barra impjegat qabel ma jagħlaq iz-zmien speċifikat f’kuntratt ta’ servizz, ikollu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li

kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem. L-artikolu 36(14) jipprovdi li "Mnkejja d-disposizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, mingħajr ma jagħti avviz u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12) jekk ikun hemm raġuni tajba u bizzejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz."

Għaldaqstant, skond il-liġi, għajr fuq raġuni tajba u suffiċjenti, is-soċjetà konvenuta ma setgħetx tkeċċi lill-attur peress li l-kuntratt in kwistjoni kien wieħed għal żmien definit. Peress li l-attur ħadem għal tliet snin sitt xhur u hdax-il ġurnata biss minflok il-ħames snin li ikkuntratta għalihom, huwa talab li jitħallas nofs is-salarju li s-soċjetà konvenuta kienet intrabtet li tħallsu kif ukoll ħlas għall-"leave" dovut skond il-liġi. L-abolizzjoni tal-post, skond kif xehed l-imsemmi direttur tas-socjeta konvenuta (fol 40) ma tistax tirqies li hi raġuni ġustifikata, principalment stante li dan il-fatt ma giex sufficjentement ippruvat mis-socjeta' konvenuta. Konsegwentement is-socjeta' konvenuta hi tenuta li tħallas nofs il-paga li kien jibbenefika minnha l-impjegat kieku baqa' fl-impjieg għaż-żmien kollu u rimanenti tal-kuntratt.

Skond il-ftehim li gie ifirmat mill-partijiet (Dokument A) l-attur kien intitolat għal paga ta' sebat elef liri u seba mija u hamsin liri maltin (Lm7750) ghal periodu minn Ottubru 1995 sa' Jannar 1996. Mill-1 ta' Jannar 1996 sa' 28 ta' Settembru 2000, is-soċjetà konvenuta u l-attur ikkuntrattaw paga ta' Lm9000 fis-sena. L-impjieg beda fit-28 ta' Settembru 1995 u kellu jintemm fis-27 ta' Settembru 2000 pero' l-istess impieg ġie itterminat fid-9 ta' April 1999 u kwindi mid-data tal-liċenzjament il-kuntratt kien għad fadallu sena, ħames xhur u dsatax-il jum, jew ħames mija u sitta u erbgħin (546) jum. Konsidrat li il-paga miftiehma kienet ta' Lm9000 fis-sena jirrizulta li n-nofs tal-paga dovuta ghaz-zmien rimanenti kien jammonta ghal sitt elef, seba mija u wiehed u tletin liri maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm6731.51).

L-attur talab ukoll li jitħallas mis-soċjetà konvenuta għal ġranet tal-leave bi ħlas dovuti lilu skond il-kuntratt. Fl-ittra (Dokument 'B') is-socjeta' konvenuta ikkonfermat li l-attur kien fadallu jiehu l-"leave rimanenti, pero l-istess attur naqas milli jghamel prova ta' kemm ħa "leave" u kemm kien għad fadallu jieħu leave. Konsegwentement ma jirrizultax li hemm xi ammont dovut lill-attur bhala granet ta' "leave" li kien fadallu jiehu. F'dawn ic-cirkostanzi t-talba tal-attur rigwardanti il-hlas tar-rimanenti granet "leave" ma tista qatt tigi akkolta.

Dwar il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta ghandu fl-ewwel lok jigi ribadit li z-żewg verżjonijiet li joffru l-partijiet huma diametrikalment opposti Is-socjeta' konvenuta in sostenn tal-pretensjonijiet taghha pproduciet id-Dokument 'NCS1' u 'NCS 2.' Dawn id-dokumenti, pero', bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu li jsostnu jew jipprovaw il-pretensjonijiet tas-socjeta' konvenuta. In effett dawn id-dokumenti jikkonsistu f'ittra mibghuta mill-konsulent legali tas-socjeta' konvenuta lid-difensur tal-attur u ittra oħra, li la hi ffirmata u ,anqas ma giet konfermata. In effett, kif gia rilevat, hemm dokumenti ohra li jindikaw li l-attur kien intalab mis-socjeta' konvenuta biex semplicement jirrezenja u sabiex jiehu l-"leave" li kien fadallu. Kwindi ma jistax jinghad li jirrizulta li l-attur abbanduna x-xoghol li kellu mas-socjeta' kif qed issostni l-istess socjeta' konvenuta.

Fid-dawl ta dak kollu li gie premess, it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti bl-eccezzjoni tat-talba rigwardanti l-hlas tal-"leave" li kien fadallu jiehu l-attur u fl-istess hin l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta jimmeritaw li jigu rigettati. Il-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta ma tirrizultax sufficjentement pruvata u ghalhekk jisthoqqilha li tigi michuda filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-attur ghal kontrotalba tas-socjeta' konvenuta jimmeritaw li jigu akkkolti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi dwar it talbiet attrici billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u billi tilqa t-talbiet attrici limitatament pero' billi tiddikjara li l-attur huwa intitolat li jithallas minnghand is-socjeta` konvenuta nofs il-

paga ghal zmien bejn id-9 ta` April 1999 u d-data tat-tmien tal-perjodu ta` hames snin tal-kuntratt ta` l-impjieg tieghu u billi tillikwida l-ammont dovut f'dan ir-rigward fl-imsemmija somma ta' Lm6731.51 ekwivalenti ghal hmistax il-elf, sitt mija u tlieta u tmenin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€15683.23) u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma hekk likwidata lill-attur u dana bl-imghaxijiet kollha legali mid-9 ta` April 1999 sal-gurnata tal-effettiv pagament.

Tiċħad it-talba tal-attur rigwardanti l-hlas tal-"leave" li l-attur kien intitolat għalihom.

Tiddeciedi dwar il-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-istess kontrotalba u fit-tieni lok billi tichad it-talbiet tas-socjeta konvenuta kif kontenuti f-istess kontrotalba.

L-ispejjez kollha jithallsu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mis-socjeta konvenuta u kwantu ghar-rimanenti kwart (1/4) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------